# Messaġġ ta’ Monsinjur Arċisqof lill-Missjunarji Maltin

## ĠURNATA MISSJUNARJA 2015



Huwa ta’ pjaċir kbir għalija li, permezz ta’ dan il-messaġġ, insellem lill-missjunarji Maltin u Għawdxin madwar id-dinja. Kulħadd jaf bil-preżenza sabiħa ta’ dawn ħutna f’sitwazzjonijiet u pajjiżi fejn hemm diffikultajiet umanitarji kbar, u anke nuqqas ta’ tagħlim u nuqqas ta’ fidi. Ix-xhieda ta’ ħutna l-missjunarji hija xhieda umanitarja u Nisranija. Hija xhieda li aħna għandna d-dover niftakru fiha u anke nappoġġjaw.

Jekk aħna l-Maltin nitilfu dan is-sens missjunarju, wisq nibża’ li niddgħajfu fl-impenn tal-fidi tagħna. Aħna wlied Appostlu missjunarju, aħna wlied San Pawl. Fid-DNA tal-fidi tagħna hemm is-sejħa li nkunu missjunarji, li naqsmu s-sbuħija tal-fidi tagħna ma’ ħaddieħor. Nistgħu nagħmlu hekk l-ewwelnett bit-talb lil Alla biex iħares il-missjunarji tagħna u jseddaqna b’iktar vokazzjonijiet missjunarji; nistgħu noffru wkoll appoġġ finanzjarju lill-kawżi li jippromovu l-ispirtu missjunarju fid-dinja.

Irrid insellem ukoll lil tant żgħażagħ u tant lajċi li jagħżlu li jagħmlu ftit xhur ta’ esperjenza missjunarja. Lajċi oħrajn jitilqu kollox biex imorru f’artijiet fejn il-fidi birdet, u jagħtu x-xhieda tagħhom ta’ ħajja Nisranija. Dan mhux mingħajr diffikultajiet kbar, imma ċertament b’ġenerożità u b’imħabba kbira.

Jiena nawgura lill-poplu Malti mill-ġdid, biex bħalma għamel dejjem, ikun ġeneruż mal-missjunarji Maltin tagħna. Waqt li nsellem lill-familji għeżież tagħhom, nassigurahom li l-Knisja f’Malta mhi qatt se tinsa lil dawn uliedha, li għalkemm imbiegħdin fiżikament minn artna, huma ħafna qrib il-qalb tagħna.

Nagħti lil kulħadd il-Barka Pastorali tiegħi.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta’ Malta



100% FSC www.fsc.org RECYCLED Paper made from recycled material FSC® C121498

missio
Uffiċċju Missjunarju MALTA u GĦAWDEX
*Għinni Nemmen Għinni Ngħix*

# Messaġġ mill-Isqof ta' Għawdex



## FAMILJA MISSJUNARJA

Ftit tas-snin ilu ltqajt ma' familja. Qaluli li t-tifel tagħhom, li kien jattendi skola sekondarja, xtaq jitgħallem il-lingwa Spanjola. Għalija hu normali li adoloxxent ikollu namra mal-lingwi; imma l-element straordinarju f'dan il-każ, kienet ir-raġuni għaliex dan it-tfajjel ried jitgħallem il-lingwa Spanjola: kien qed jaħseb biex meta jikber ikun jista' jmur jagħmel esperjenza missjunarja f'xi pajjiż fl-Amerika Latina. Għaddew is-snin u erġajt ġejt wiċċ imb wiċċ ma' din il-persuna, illum żagħżugħ. Sibt li llum mhux biss jitkellem bl-Ispanjol, imma għadu bil-ħajra li jmur il-missjoni.

Kien hemm diversi fatturi li għenu titnissel fil-qalb ta' din il-persuna l-imħabba lejn il-missjoni. Kien jaf saċerdot mill-parroċċa tiegħu li qiegħed fil-missjoni. L-interess li kellu fil-ħidma soċjali li twettaq il-Knisja fil-missjoni kien isuqu biex iżomm ruħu infurmat dwar l-aħħar żviluppi. Fuq kollox, kien iħossu affaxxinat mill-persuna ta' Ġesù u għalhekk kien kurjuż dwar kull xorta ta' inizjattiva missjunarja maħsuba biex tlaqqa' lill-bniedem ma' Ġesù.

Meta tkellimt ma' dan il-ġuvnott, fhimt li għalkemm kien hemm diversi persuni u gruppi li kebbsu fih l-imħabba għall-missjoni, ħadd u xejn ma jiżboq l-għajnuna li tawh il-ġenituri tiegħu. Kienu huma li xegħlu fih l-ewwel fjamma għall-missjoni, kemm b'dak li kienu jgħidulu kif ukoll bl-eżempju tajjeb li kien jara fihom meta kien jarahom jgħinu 'l-Knisja missjunarja.

Il-familja tibqa' l-aqwa forġa li ssawwar il-karattru tal-bniedem u tqiegħed fih il-pedament tal-ħajja Nisranija. Huwa tassew providenzjali li f'Ottubru li ġej, il-Knisja ser tiċċelebra s-Sinodu tal-Isqfijiet li għandu bħala suġġett il-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja. Skont dokument li għadu kif ħareġ, wieħed mill-aspetti tal-familja li ser niddiskutu waqt is-Sinodu huwa kif nistgħu nippreparaw u niffurmaw il-familja biex tkun tista' takkumpanja familji oħra ħalli jgħixu ħajja Nisranija. F'dan il-kuntest tissemma' d-dimensjoni missjunarja tal-familja tant li l-Knisja tħeġġeġ lill-familji sabiex ikunu "familji missjunarji" *(Working Document, 72).*

Għalhekk nappella lil kulħadd, b'mod partikulari lill-familji, biex fil-ġimgħat li ġejjin nitolbu għas-suċċess ta' dan is-Sinodu. Għandna tama qawwija li permezz ta' dan is-Sinodu l-Knisja ser tkompli tagħmel għażliet pastorali kuraġġjużi biex iġġib 'il quddiem kultura favur il-familja; għax jekk il-familja tiġi nieqsa, inkunu tlifna riżorsa soċjali u ekkleżjali importanti ħafna.

Fin-nuqqas ta' familji b'saħħithom, kollox jintesa, anke l-istess kawża missjunarja tal-Knisja. Kif semmejt aktar 'il fuq, kieku dak iż-żagħżugħ ma sabx mixtla missjunarja fil-familja tiegħu, qajla kien jikber b'dak l-indirizz missjunarju. Għaldaqstant, kull min għandu għal qalbu l-ħidma missjunarja għandu wkoll juri interess fil-pastorali familjari għax il-familja hija l-benniena ta' kull vokazzjoni, inkluża dik missjunarja.

Mill-Kurja tal-Isqof, Victoria, 16 ta' Lulju 2015, Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex